

32005D0524R(01)

L 192/78

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA

22.7.2005

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fil-programmi Komunitarji**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 334 M, tat-12 ta' Diċembru 2008)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2005/524/KE għandha taqra:

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tat-2 ta' Ġunju 2005**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fil-programmi Komunitarji**

(2005/524/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 13, 71, 80, 95, 127, 137, 149, 150, 151, 152, 153, 157, 166, 175, 280 u 308 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu, it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3), u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki ta' Ġunju 2003 approva l-"Aġenda ta' Thessaloniki għall-Balkani tal-Punent: lejn integrazzjoni Ewropea," li pprovdiet li programmi Komunitarji jinfetħu għall-pajjiżi tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (PSA) skond il-prinċipji stabbiliti għall-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati.
- (2) Fil-komunikazzjoni tagħha dwar "Thejjiġa għall-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-programmi u l-aġenziji Komunitarji", il-Kummissjoni rrakomandat il-konklużjoni ma' l-Albanija, il-Bosnja Herzegovina, il-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja u Montenegro ta' ftehim kwadru li jstabbilixxu l-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteeċipazzjoni ta' kull pajjiż fil-programmi Komunitarji.
- (3) Skond id-direttivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill fid-29 ta' April 2004, il-Kummissjoni, fisem il-Komunità, innegozjat Ftehim Kwadru mar-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tagħha fil-programmi Komunitarji.
- (4) Dan il-Ftehim ġie ffirmat, fisem il-Komunità, fit-22 ta' Novembru 2004 fi Brussel, soġġett għall-konklużjoni f'data aktar tard.
- (5) Fir-rigward ta' xi programmi koperti mill-Ftehim, it-Trattat ma jipprovdix setgħat minbarra dawk skond l-Artikolu 308.

- (6) It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteeċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fil-programmi Komunitarji, inkluż il-kontribut finanzjarju pagabbli, għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni fisem il-Komunità. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.
- (7) L-Albanija tista' titlob assistenza finanzjarja għall-parteeċipazzjoni fil-programmi Komunitarji skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-assistenza għall-Albanija, il-Bosnja u l-Herzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja <sup>(2)</sup> jew skond kwalunkwe Regolament simili li jipprovdri assistenza Komunitarja esterna għall-Albanija li tista' tkun adottata fil-futur.
- (8) L-applikazzjoni tal-Ftehim għandha tiġi riveduta perijodikament.
- (9) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u l-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni ta' l-Albanija fil-programmi Komunitarji huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż għal din id-Deċiżjoni <sup>(3)</sup>.

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tistabbilixxi, fisem il-Komunità, it-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteeċipazzjoni ta' l-Albanija fi kwalunkwe programm partikolari, inkluż il-kontribut finanzjarju pagabbli. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita fil-kompitu tagħha minn kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

<sup>(1)</sup> Kunsens mogħti fl-10 ta' Mejju 2005 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2415/2001 (ĠU L 327, 12.12.2001, p. 3).

<sup>(3)</sup> Ara paġna 2 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

2. Fejn l-Albanija titlob assistenza esterna, il-proċeduri previsti fir-Regolament (KE) Nru 2666/2000, u f'Regolamenti simili li jipprovdu assistenza Komunitarja esterna lill-Albanija li jistgħu jiġu adottati fil-futur, għandhom japplikaw.

*Artikolu 3*

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tirrapporta dan lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat fejn hu meħtieġ minn proposti xierqa.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem il-Komunità, jagħti n-notifiki previsti fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, 2 ta' Ġunju 2005.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
L. FRIEDEN